

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

11.2.2009

B6-0097/2009

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Sarah Ludford, Ignasi Guardans Cambó, Adina-Ioana Vălean u Marco Cappato

f'isem il-Grupp ALDE

dwar l-allegat użu ta' pajjiżi Ewropej mis-CIA għat-trasport u d-detenzjoni illegali ta' prigionieri

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-allegat użu ta' pajjiżi Ewropej mis-CIA għat-trasport u d-detenzjoni illegali ta' prigionieri

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-istrumenti internazzjonali, Ewropej u nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u dwar il-projbizzjoni tad-detenzjoni arbitrara, l-għajbien furzat u t-tortura, bħall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tas-16 ta' Diċembru 1966 u l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Kastigi oħra Krudili, Inumani jew Degradanti tal-10 ta' Diċembru 1984,
 - - wara li kkunsidra r-rapport dwar is-sejbiet tal-Kumitat Temporanju dwar l-użu allegat ta' pajjiżi Ewropej mis-CIA għat-trasportazzjoni u d-detenzjoni illegali ta' prigionieri (TDIP), kif ukoll rapporti oħra u riżoluzzjonijiet li jqajmu l-kwistjoni, inkluż ix-xogħol tal-Kunsill tal-Ewropa dwar dan is-suġġett,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2009 dwar ir-ritorn u r-rilokazzjoni tal-prigionieri tal-faċilità ta' detenzjoni ta' Guantánamo¹,
 - wara li kkunsidra l-ittra mibgħuta mill-President tiegħu lill-parlamenti nazzjonali dwar is-segwitu mogħti mill-Istati Membri għar-rapport TDIP,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi r-rapport tiegħu dwar l-użu allegat ta' pajjiżi Ewropej mis-CIA għat-trasportazzjoni u d-detenzjoni illegali ta' prigionieri indirizza sensiela ta' rakkomandazzjonijiet dettaljati lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,
- B. billi mill-adozzjoni tar-rapport tal-PE seħħ għadd ta' żviluppi fl-Istati Membri tal-UE, inklużi:
- l-istqarrijiet tas-Segretarju għall-Affarijiet Barranin tar-Renju Unit dwar żewġ titjiriet ta' konsenja straordinari mill-Istati Uniti li kellhom fuqhom żewġ prigionieri li llandjaw fit-territorju tar-Renju Unit fl-2002, kif ukoll it-tfassil ta' lista ta' titjiriet suspettużi li kellha tintbagħat lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti biex jintalbu garanziji speċifiċi li dawn ma ntużawx għall-konsenja, kif ukoll l-istqarrijiet tal-Prim Ministru f'dan ir-rigward; it-talba tas-Segretarju tal-Istat tar-Renju Unit lill-Avukat Ġenerali biex tkun investigata 'imġiba ħażina kriminali' possibbli mill-MI5 u mis-CIA dwar it-trattament ta' Binyam Mohammed; id-Deċiżjoni tal-Qorti Għolja tal-5 ta' Frar 2009 li ma setgħetx tordna l-iżvelar ta' informazzjoni dwar l-allegata tortura ta' Binyam Mohamed minħabba li s-Segretarju tal-Affarijiet Barranin tar-Renju Unit qal li l-Renju Unit kien mhedded mill-Istati Uniti li jkun ibblukkat l-iskambju tal-intelliġenza dwar it-terroriżmu,
 - id-deċiżjoni tal-Prim Ministru Pollakk li jagħti lill-prosekuturi dokumenti dwar titjiriet u

¹ *Testi adottati*, P6_TA-PROV(2009)0045.

ħabsijiet tas-CIA, kif ukoll is-sejbiet tal-Prosekutur Pubbliku Pollakk li juru li iktar minn tużżana titjiriet tas-CIA involvew l-ajruport ta' Szymany, u b'hekk ikkonfermaw is-sejbiet tal-Kumitat TDIP,

- il-pubblikazzjoni fl-El País ta' dokumenti li fihom informazzjoni ġdida dwar titjiriet tas-CIA fi Spanja
 - informazzjoni dwar titjiriet tas-CIA fil-Portugall, kif ukoll l-istqarrijiet tal-Ministru tal-Affarjiet Barranin f'dan ir-rigward,
 - l-impożizzjoni mill-gvernijiet ta' rekwiżit ta' segretezza statali dwar informazzjoni relatata mal-inkjesti, bħal fl-Italja, fejn hija mistennija Deċiżjoni mill-Qorti Kostituzzjonali dwar din il-kwistjoni,
- C. billi fit-3 ta' Frar 2009, il-Kummissarju tal-UE għal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja stqarr fil-Parlament Ewropew li ħa għadd ta' azzjonijiet biex ikunu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament, inklużi ittra lill-awtoritajiet tal-Polonja u r-Rumanija biex jitlobhom jiżvelaw il-verità kollha dwar l-eżistenza allegata ta' ħabsijiet sigrieti fit-territorju tagħhom u Komunikazzjoni li tipproponi miżuri ġodda fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili,
- D. billi l-konsenja straordinarja u d-detenzjoni sigrieta jmorru kontra l-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, kontra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u kontra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, u billi l-awtoritajiet tal-Istati Uniti bħalissa qed jirrevedu dawn il-prattiki,
- E. billi dawk li nħatfu f'xi Stati Membri taħt il-programm ta' konsenja straordinarja ttieħdu Guantánamo jew fi Stati oħra mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti fuq titjiriet militari jew tas-CIA, li spiss taru minn fuq it-territorju tal-UE u f'xi każi anke għamlu waqfiet f'ċerti Stati Membri tal-UE; billi dawk li ttieħdu f'pajjiżi terzi ġew ittorturati f'ħabsijiet lokali,
- F. billi xi Stati Membri avviċinaw lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti u talbu r-rilaxx u r-ripatrijazzjoni ta' persuni li għaddew minn konsenja straordinarja u li huma ċittadini tagħhom jew li qabel kienu residenti fit-territorju tagħhom; billi uffiċjali ta' xi Stati Membri kellhom aċċess għal prigionieri fi Guantánamo jew f'faċilitajiet ta' detenzjoni oħra, u li interrogawhom biex jivverifikaw l-atti ta' akkuża miġjuba kontrihom mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti,
- G. billi r-rapport tiegħu iddikjara, u l-avvenimenti sussegwenti kkonfermaw, li bosta Stati Membri tal-UE kienu involuti jew ikkoperaw b'mod attiv jew passiv mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti fit-trasport illegali u/jew fid-detenzjoni ta' prigionieri mis-CIA u mill-awtoritajiet militari tal-Istati Uniti fi Guantánamo u f'"ħabsijiet sigrieti" rikonnoxxuti mill-President Bush - kif pruvat minn informazzjoni żvelata reċentement rigward l-awtorizzazzjonijiet tal-gvernijiet għat-talbiet tal-Istati Uniti biex isiru titjiriet minn fuq il-pajjiżi kkonċernati u minn informazzjoni tal-gvern dwar il-ħabsijiet sigrieti - u li l-Istati Membri tal-UE għandhom sehem partikulari fir-responsabilità politika, morali u legali għat-trasportazzjoni u għad-detenzjoni tal-persuni miżmuma fi Guantánamo u fil-faċilitajiet sigrieti ta' detenzjoni;

1. Jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jimplimentaw b'mod sħiħ ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament fir-rapport tiegħu dwar l-użu allegat tal-pajjiżi Ewropej mis-CIA għat-trasportazzjoni u d-detenzjoni illegali ta' prigionieri u biex jikkollaboraw biex tinstab il-verità billi jinfetħu inkjesti jew jikkollaboraw mal-awtoritajiet kompetenti billi jiżvelaw u jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha u billi jiżguraw skrutinju parlamentari effettiv tal-azzjonijiet tas-servizzi sigrieti; jistieden lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE biex iressqu lill-Parlament kwalunkwe informazzjoni rilevanti, rapport jew deċiżjoni ta' inkjesta parlamentari;
2. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Uniti biex isaħħu d-djalogu transatlantiku dwar approċċ komuni biex ikun trattat it-terroriżmu, approċċ ibbażat fuq valuri komuni tar-rispett għal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, f'qafas ta' koperazzjoni internazzjonali, bħall-ftehimiet UE-Stati Uniti dwar estradizzjoni u assistenza reċiproka;
3. Jilqa' b'sodisfazzjon iż-żgħira li se ssir fl-Istati Uniti fis-16 u s-17 ta' Marzu mill-Kummissarju għal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja, mill-Presidenza tar-Repubblika Ċeka u mill-Koordinatur Kontra t-Terroriżmu tal-UE u jistieden lir-rappreżentanti tal-UE biex iqajmu l-kwistjoni ta' konsenji straordinarji u faċilitajiet ta' detenzjoni sigrieti, minħabba li dawn huma vjolazzjonijiet serji tal-liġi internazzjonali u l-liġi Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarjiet Interni (JHA) tas-26 ta' Frar biex jieħu pożizzjoni b'saħħitha dwar dan, kif ukoll biex jiddiskuti l-kwisjoni tal-ghelug ta' Guantanamo u r-ristabilizzazzjoni tal-prigionieri, b'kunsiderazzjoni xierqa għar-riżoluzzjoni tal-PE dwar dan is-suġġett;
4. Jistieden lill-Unjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti biex jinvestigaw u jiċċaraw kompletament l-abużi u l-ksur tal-liġi internazzjonali u nazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, il-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament ħażin, l-għejbien infurzat u d-dritt għal smiġh xieraq b'konnessjoni mal-"gwerri kontra t-terroriżmu" sabiex tkunu stabbilita r-responsabilità għaċ-ċentri ta' detenzjoni sigrieti, inkluż Guantanamo, u għall-programm ta' rendimenti straordinarji, u biex ikun żgurat li ksur bħal dan ma jerġax isir fil-futur u li l-ġlieda kontra t-terroriżmu ssir billi jkun hemm rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tal-libertajiet fundamentali, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt;
5. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Koordinatur biex, wara ż-żgħira tad-delegazzjoni tal-UE fl-Istati Uniti, jirrapportaw lill-Parlament dwar l-applikazzjoni tal-ftehimiet dwar l-għajnuna legali reċiproka u dwar l-estradizzjoni, kif ukoll dwar il-koperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu filwaqt li jkun żgurat rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, sabiex il-kumitat kompetenti jkun jista' jindirizza dawn il-kwistjonijiet f'rapport imħejji inter alia fuq il-bażi tal-paragrafu 232 tar-rapport tal-Kumitat Temporanju TDIP,
6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Komuni Barranija u ta' Sigurtà, lill-Koordinatur Kontra t-Terroriżmu, lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO, lis-Segretarju Ġenerali u lill-President tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lill-President u lill-Kungress

tal-Istati Uniti tal-Amerika.